**30 ta' April, 1991**

**Imħallef: –**

**Onor. Joseph Said Pulliċino B.A. (Hons.), LL.D.,**

Joseph Vella *pro. et noe.*

*versus*

Salvu Micallef

## Spoll - *Actio Spolii* - Possessur in Malafede - Restituzzjoni ta' prodotti li Possessur in Malafede Ġabar jew Seta' Bid-Diliġenza Jiġbor

*Kawża fejn il-Qorti laqgħet it-talba ta' l-attur għar-ripristinazzjoni fil-pussess f'għalqa. Fil-kors tas-sentenza saret analisi ġurisprudenzjali tar-rekwiżiti ta' l-azzjoni ta' l-ispoll. Il-Qorti irriteniet ukoll illi l-aspett tal-vertenza bejn il-kontendenti relattiva għar-restituzzjoni ta' prodott kien jeżorbita l-mertu ta' l-actio spolii u għalhekk irriservat bħala impreġudikati id-drittijiet tal-kontendenti naxxenti mill-aġir spoljativ tal-konvenut.*

Il-Qorti: – Rat iċ-ċitazzjoni preżentata fis-6 ta' Ottubru, 1986 li biha l-attur nomine wara li ppremetta illi hu kellu l-pussess tal-għalqa tat-Telliera tal-kejl ta' ċirka siegħ fil-Baħrija, limiti tar-Rabat, liema pussess ġie mogħti lilu mill-konvenut u li illi hu kellu jibqa' jaħdem l-għalqa sa meta ssir il-qasma tar-raba tal-konvenut;

U wara li ppremetta li l-konvenut abusivament u kontra l-volontà tal-attur daħal fl-għalqa imsemmija w okkupaha u li b'hekk il-konvenut ikkommetta spoll reċenti għad-dannu tal-attur;

Talab għaliex il-konvenut m'għandux jiġi dikjarat mill-Qorti li ikkommetta spoll reċenti għad-dannu tal-attur li ma għandux il-konvenut, konsegwentement, jiġi kundannat li jirripristina lill-attur fil-pusses tal-għalqa imsemmija billi jiżgombra mill-istess għalqa tat-Telliera, fil-Baħrija, limiti tar-Rabat, fuq imsemmija; u dana fit-terminu li tipprefiġġi l-Qorti;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha eċċepixxa

li mhux minnu li l-attur *proprio et nomine* kellu pussess tal-għalqa imsemmija fiċ-ċitazzjoni, għal dawn l-aħħar erba' snin. Kif anqas hu minnu li l-konvenut kien tahielu biex jaħdimha bil-patt imsemmi fl-istess ċitazzjoni, u illi m'huwiex minnu li fid-data imsemmija fiċ-ċitazzjoni, l-konvenut ikkommetta spoll a dannu tal-attur *pro et noe*;

Rat id-digriet tat-30 ta' Jannar, 1987, li bih il-Qorti nnominat lill-Avukat Dottor Tonio Farrugia biex jirrelata dwar it-talbiet attriċi wara li jieħu konjizzjoni tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut;

Rat ir-rapport tal-abbli perit;

Rat l-atti kollha tal-kawża w id-dokumenti eżibiti;

Semgħet it-trattazzjoni;

Rat il-verbal tat-12 ta' Marzu, 1991, li bih il-kawża tħalliet għal illum għas-sentenza;

Ikkunsidrat:

L-azzjoni tentata mill-attur hi kjarament dik ta' spoll privileġġjat. Hu qed jallega li l-konvenut spussessah mill-għalqa li tagħha kellu l-pussess. Biex din l-azzjoni tirnexxi l-attur irid jipprova t-tlett elementi bażilari tagħha, u cioè (a) *possedisse,* (b) *spoliatum fuisse,* u (ċ) *infra bimestrededuxisse.* Inoltre l-ispoll irid ikun vjolent jew klandestin *vi aut clam*. Il-perit legali ikkonkluda li l-attur irnexxielu jipprova konklussivament dawn l-elementi u konsegwetament illi l-konvenut effetivament spoljah mill-pussess tar-raba mertu tal-kawża.

*Omissis;*

A. L-attur ipprova konklussivament illi fil-mument tal-allegat spoll, hu kellu l-pussess materjali tar-raba. Jirriżulta li kien il-konvenut stess li qallu biex jaħdem l-għalqa, li inizjalment fl-ewwel sena ipprovdilu ż-żerriegħa tal-patata;

*Omissis;*

B. Il-pussess li trid il-liġi fl-ispoljat għall-fini tal-azzjoni ta' reintegrazzjoni ma hemmx bżonn ikun il-pussess b'titolu ta' proprjetà jew ta' servitù, imma biżżejjed pussess kwalunkwe, anki purament materjali u *di fatto* (Vol XXXVII - Pt.I - pg.280). Però hu meħtieġ li l-attur jipprova li għandu *un possesso di fatto*. Hu ċar li l-attur ipprova dan konklussivament u dan hu sottolinejat mill-fatt li għal żmien ta' tlieta jew erba' snin li baqgħet f'idejh, hu mhux biss ħadem l-għalqa, imma wkoll ħa l-frott tagħha.

*Omissis;*

Ċ. Jirriżulta li l-attur ġie spossessat mill-aġir abbużiv tal-konvenut li f'ċertu żmien deherlu li l-attur ma kellux jkompli *jaħdem din ir-raba.*''*Għall-azzjoni ta' spoll hu biżejjed li l-persuna spoljata tiġi* imneżża mill-pussess ta' liema xorti jkun. U dan jingħad mhux biss għan-natura tal-pussess, imma anki għaż-żmien. Anki pussess qasir ħafna u saħansitra pussess momentaneju huwa biżejjed biex jawtorizza l-azzjoni ta' spoll'' (Vol. XXXVII - Pt.II - pg.642);

D. Il-konvenut kien jaf ben tajjeb illi l-attur kien qiegħed

jaħdem ir-raba u konsegwetament kellu l-pussess tiegħu. Tant hu hekk illi qabel spoljah, bagħtlu ittra permezz tal-avukat tiegħu, il-mibki Dottor Rudolph Saliba, fejn intimah biex ma jkomplix jaħdem ir-raba;

*Omissis;*

E. Jirriżulta li l-konvenut iddeċida li jieħu l-liġi f'idejh wara li l-attur ma irrejaġixxiex favorevolment għall-ittra li bagħtlu bl-avukat;

*Omissis;*

F. Indubbjament l-aġir tal-konvenut, kif minnu ammess, jammonta għal spoll vjolent u abbusiv, li "jikkonsisti fi kwalunkwe att arbitrarju li, marte proprio, isir kontra l-volontà tal-persuna spoljata" (Vol. XLI - Pt.II - pg.1133). Il-vjolenza f'dan il-każ toħroġ mill-fatt li l-konvenut, kontra l-volontà tal-attur possessur, aġixxa biex jieħu b'forza, dritt li hu jippretendi li għandu, meta kellu jirrikorri għall-mezzi oħra biex jirrivendika d-dritt tiegħu. Hu għal dawn is-sitwazzjonijiet li l-liġi tipprovdi fl-*actio spolii*, biex tassigura li jiġi repristinat l-ordni soċjali u li l-persuna li ġiet vjolentement spossessata tiġi qabel xejn reintegrata fil-pussess tagħha. *Spoliatus ante omnia restituendum;*

G. Il-Qorti taqbel mal-perit legali li l-azzjoni ġiet intavolata fit-terminu ta' xahrejn stabbilit mil-liġi. Dwar dan ma jidher li hemm l-ebda kontestazzjoni mill-konvenut u ma saret l-ebda eċċezzjoni f'dan is-sens;

Fil-fehma tal-Qorti l-aġir tal-konvenut li jirriprendi forzatament pusses tal-għalqa minn idejn l-attur, meta kien jaf li kellu jirrikorri għall-mezzi legali biex jagħmel dan, kif jidher mill-ittra, li ex *admissis,* inkariga lill-avukat tiegħu li jibgħat lill-attur poġġih in malafede. Jiġifieri, il-konvenut fir-rigward tal-attur li hu spolja, hu illum fil-posizzjoni ta' possesur in malafede u r-relazzjoni *tiegħu hi regolata bl-artikolu 541 tal-Kodiċi Ċivili,* u ċjoè, li hu "obbligat li jirrestitwixxi l-prodotti kollha li hu ġabar jew li, bl-eżerċizzju tad-diliġenza ta' *bonus pater familias,* seta' jiġbor minn dak in-nhar, tal-okkupazzjoni illegali tiegħu". Il-Qorti għalhekk ma taqbilx mar-rakkomandazzjoni tal-perit legali li "jekk hemm uċuh ta' raba' x'jinqatgħu, dawn għandhom jingħataw lill-konvenut peress li żgur ma ġewx imħawla mill-attur". Dawn l-uċuħ jispettaw lill-attur, salv dak li jista' jkun dovut lill-konvenut ai termini tal-artikolu 543 tal-istess Kodiċi Ċivili. Dan l-aspett tal-vertenza bejn il-kontendenti jeżorbita però, mit-talbiet fiċ-ċitazzjoni u jkun *extra petita* għall-Qorti li tittratahom u tiddeċidihom f'dan l-istadju. Hi ser tillimita ruħha biex tirriżerva d-drittijiet rispettivi tal-kontendenti f'dan ir-rigward għal stadju ulterjuri;

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeċidi l-kawża billi, prevja l-akkoljiment tar-relazzjoni peritali, in kwantu irriteniet illi l-*konvenut ikkommetta spoll vjolenti u abbużiv tad-drittijiet tal-*attur fit-termini taċ-ċitazzjoni, tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attriċi u tikkundanna lill-konvenut biex fi żmien xahar mill-lum jirripristina lill-attur fil-pussess tal-għalqa tat-Telliera, fil-Baħrija, limiti tar-Rabat, ndikata fiċ-ċitazzjoni u li jiżgombra minnha w jibqgħu impreġudikati d-drittijiet rispettivi tal-kontendenti naxxenti mill-aġir spoljattiv tal-konvenut tul l-okkupazzjoni abbużiva tiegħu tal-għalqa mertu

tal-kawża;

Bl-ispejjeż, kif mitlub, kontra l-konvenut;